# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-28 ta' Settembru 2023**

**Talba nru. 104/2022**

**EDWINA BONELLO (I.D. 522953 (M))**

*VERSUS*

**GIUSEPPE NAPOLITANO**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fit-12 t´April 2022 (a fol 1 et seq), l-attriċi talbet l-ammont ta´ erbat elef u disa´ mija u tletin Ewro u ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4930.01) kwantu għall-ammont dovut mill-konvenut għal kunsinna ta´ merkanzija konsistenti minn prodotti tal-ikel wara odnijiet magħmulin mill-konvenut kif ukoll l-ammont tal-imgħax.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tas-6 ta´ Mejju 2022 fejn l-attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi bin-notifika lill-konvenut (a fol. 3).

Ra illi fil-5 ta´ Settembru 2022 il-konvenut ġie debitament notifikat (a fol. 8).

Ra illi l-konvenut ma ppreżenta ebda risposta u/jew kontro-talba.

Ra illi l-attriċi ppreżentat kapitolu (a fol. 10)

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fis-6 ta´ Ġunju 2022, l-attriċi għalqet il-provi.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar x´kienet ir-relazzjoni bejn l-attriċi u l-konvenut u d-diżgwit ta´ bejniethom.

<u>Il-kontumaċja</u>

Jidher mill-proċess illi l-konvenut ma ressaq ebda risposta u/jew kontro-talba b´dan illi jwassal illi l-konvenut hu fi stat ta´ kontumaċja.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta ghamel fil-kawża u ammetta d-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq l-attur li jressaq provi sal-grad ta' probabilità u li jressaq l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara **Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza **Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> "huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre´, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

> "Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:
>
> "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara **Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

<u>L-Azzjoni Attriċi</u>

Fit-talba tagħha, l-attriċi indikat illi l-partijiet għandhom kont miftuħ bi żmien tletin (30) ġurnata għas-saldament tal-prezz tal-merkanzija mill-ħruġ tal-fattura relattiva għal kull ordni magħmula u b´dan illi l-invoices huma datati 2019 u 2020.

Fit-talba tagħha, l-attriċi talbet is-somma ta´ erbat elef u disa´ mija u tletin Ewro u ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4930.01). Tul il-proċess, xehdet Tiziana Bonello, it-tifla tal-attriċi li spjegat ir-relazzjoni fid-dettal bejn l-attriċi u l-konvenut kif ukoll ippreżentat invoices li għadhom mhux imħallsa, ċekkijiet illi l-attriċi rċevit mill-konvenut u kif ukoll *statement* dettaljat illi jirrifletti dawn l-invoices u ċekkijiet (a fol. 21-35). Dan allura jwassal illi l-attriċi qed tgħid il-verita´.

<u>Preskrizzjoni</u>

Għal kull buon fini, dan it-Tribunal ser jiċċara illi tali azzjoni tal-attriċi ma hix anqas preskritta stante illi l-attriċi bagħtet att ġudizzjarju lill-konvenut datat 15 ta´ Jannar 2021 fuq invoices datati minn Settembru 2019 sa Ottubru 2020 u liema att ġudizzjarju ġie ppreżentat fil-proċess u jinsab a fol. 32.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tal-attriċi fl-ammont ta´ erbat elef u disa´ mija u tletin Ewro u ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4930.01) kwantu għall-ammont dovut mill-konvenut għal kunsinna ta´ merkanzija konsistenti minn prodotti tal-ikel wara odnijiet magħmulin mill-konvenut kif ukoll l-ammont tal-imgħax ta´ tmienja fil-mija illi għandu jibda jiddekorri minn dakinhar illi kull invoice kellha tkun imħallsa u ċioe´ tletin ġurnata mid-data ta´ kull fattura separatament sad-data tal-effettiv pagament. L-ispejjeż tal-kawża għandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatriċi